# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru VI**
**Illum, 18 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 245/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Farrugia talli (**1**) f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Ottubru, 1999 u matul ix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-ligi, kif ukoll talli (**2**) fl-istess data f'dawn il-Gzejjer sar recidiv b'diversi sentenzi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni tal-imputat, sabet lill-imsemmi George Farrugia hati skond l-imputazzjonijiet[1] dedotti kontra tieghu u qieghdet lill-istess Farrugia taht Ordni ta' *Probation* skond l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 ghall-periodu ta' sentejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fl-14 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens illi jigi revokat l-Ordni ta' *Probation* u minflok l-imsemmi George Farrugia jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija u ta' multa, jew wahda minnhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet kif ukoll lill-Ufficjal tal-*Probation* Mary Grace Vella fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2001; ikkunsidrat:

Dana huwa appell ta' l-Avukat Generali dwar il-"piena" moghtija mill-Qorti Inferjuri lill-appellat George Farrugia bis-sentenza tat-3 ta' Novembru, 2000. L-appellant Avukat Generali jikkontendi, bazikament, li l-ewwel qorti ma tatx l-opportunita` lill-prosekuzzjoni sabiex tezibixxi l-fedina penali tal-imputat, u li kieku dik il-qorti kellha dik il-fedina penali quddiemha ma kientx tiddisponi

[1] Ara l-kumment, aktar 'l quddiem f'din is-sentenza, dwar dak li huwa certament zball fis-sentenza ta' l-ewwel qorti kif tinsab fil-process, fol. 10-12.

mill-kaz permezz ta' Ordni ta' *Probation*. L-appellant jikkontendi li l-antecedenti penali tal-appellat juru bic-car li hu ma kellux jitqieghed taht Ordni ta' *Probation*, izda kellu jinghata l-piena stabbilita mill-ligi, u cioe` prigunerija jew multa jew it-tnejn.

Sa certu punt l-Avukat Generali ghandu ragun jilmenta dwar l-ghaggla li biha l-ewwel qorti ddisponiet minn din il-kawza. Wara li fl-udjenza tat-3 ta' Novembru, 2000 (u qabel ma' l-imputat ammetta l-akkuzi) il-prosekuzzjoni talbet iz-zieda tal-akkuza tar-recidiva, kien ikun ferm aktar prudenti li kieku l-ewwel qorti stenniet li tigi ezibita l-fedina penali. Kull piena, anke meta jkun hemm ammissjoni, ghandha idejalment tinghata fid-dawl ta' l-antecedenti penali tal-hati; meta, imbghad, wahda mill-akkuzi li jkunu qed jigu ammessi tkun proprju dik tar-recidiva, <u>ikun hemm kwazi obbligu fuq il-qorti li tifli sew il-fedina penali tal-hati qabel ma tiddisponi mill-kawza</u>. L-ghaggla li biha mxiet l-ewwel qorti hi riflessa wkoll fil-kopja tas-sentenza li tinsab fl-atti, kopja li suppost tirrifletti ezatt <u>dak kollu li tieghu l-appellat gie dikjarat hati</u>. Din il-kopja, li tinsab a fol. 10 sa 12 (u li ma hix iffirmata mill-Magistrat li ppronunzjaha), issemmi biss imputazzjoni wahda – dik ta' pussess ta' kokajina – mentri f'dan il-kaz, kif jirrisulta mill-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Novembru, 2000, kien hemm l-imputazzjoni wkoll tar-recidiva. Il-verbal, in fatti, jghid, li l-imputat "jammetti l-akkuzi", fil-plural, u mhux l-akkuza. Anke il-mod kif id-deputat registratur jew l-iskrivan ta' l-awla rriproduca dak li l-magistrat kiteb fuq il-komparixxi, huwa ferm infelici. In fatti, filwaqt li fuq il-komparixxi wiehed isib, bil-kalligrafija tal-Magistrat, il-kliem "Art. 5 Kap. 152 sentejn, spjegat", li juru bic-car li dik il-qorti kienet qed taghmel Ordni ta' *Probation* (kopja ta' tali ordni tinsab a fol. 13 tal-process), id-dicitura uzata fis-sentenza kif traskritta mill-iskrivan jew deputat registratur hija pjuttost id-dicitura tal-*conditional discharge* taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, milli dik li tintuza fil-kaz ta' Ordni ta' *Probation*. Fil-kaz ta' Ordni ta' *Probation*, in fatti, ma ghandux jinghad "tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sentejn"; il-kundizzjoni li dak li jkun ma jikkommettix reat matul il-periodu ta' *probation* hi implicita fl-istess Ordni ta' *Probation*.

Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs. A propositu ta' din il-karriera, l-Avukat Generali, fir-rikors tieghu, jghid hekk:

"F'dawn ic-cirkostanzi u f'din is-sitwazzjoni refrattarja u irriversibbli li fiha l-imputat waddab lilu nnifsu, l-esponent bl-akbar umilta` ma jista' qatt jaccetta jew jikkondividi it-tip ta' piena, jew ahjar il-mod kif l-ewwel qorti deherilha li kellha titratta mal-imputat. Hawnhekk ma ghandniex xi kaz ta' xi cittadin Malti ta' eta` tenera li habat difrejh l-ewwel darba mal-ligi u jinstab l-ewwel darba quddiem il-Qorti."

Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu ***Principles of Sentencing*** (Heinemann, London, 1979):

" The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).

U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' *Probation*:

"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p. 236).

Wara li din il-Qorti semghet, fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2001, lill-Ufficjal tal-*Probation* Mary Grace Vella, hija tal-fehma li hemm xaqq ta' dawl fis-sens ta' possibilita` li l-appellat ibiddel hajtu. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi preparata li tiehu r-riskju li tqieghed lill-appellat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-*probation*; l-appellat, s'intendi, qed jigi mwissi li jekk huwa jikser il-kundizzjonijiet tal-Ordni jew jikkometti reat, ikun xi jkun, fil-periodu tal-*probation*, m'ghandux jippretendi li jsib hajt ta' kenn quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. L-unika haga li din il-Qorti ser izzid mas-sentenza ta' l-ewwel qorti huwa li tordna lill-Ufficjal tal-*Probation* li tidher darba kull tlett xhur, flimkien ma' l-appellat, quddiem din il-Qorti biex din il-Qorti jkollha dejjem rapport aggornat ta' x'inhu jigri.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dana pero` li qed tordna lill-Ufficjal tal-*Probation* Mary Grace Vella sabiex tidher quddiem din il-Qorti flimkien ma' l-appellat kull tlett xhur (f'dati li jigu mifthema mad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti) biex izzomm lill-Qorti aggornata dwar l-imgieba tal-*probationer* u affarijiet ohra relevanti. In vista ta' dana l-ordni, kif ukoll in vista ta' dak li nghad dwar l-inezattezzi fis-sentenza tal-ewwel qorti kif traskritta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-imsemmija Ufficjal tal-*Probation* u lir-Registratur tal-Qrati.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur